MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2004

Citazzjoni Numru. 816/2002

**Dr. Ann Fenech ghan-nom u n-rappresentanza tas-socjeta' estera "Fratelli Cosulich (Hong Kong) Limited.**

**-vs-**

**Dr. Mark Busuttil u l-P.L. Hilda Ellul Mercer b'digriet tat-22 ta' Mejju, 2003 gew nominati Kuraturi Deputati ta' HAWK NAVIGATION LTD, sid il-bastiment MT. CARLOTTA.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fis-17 ta' Lulju, 2002 li permezz taghha is-socjeta' attrici ppremettiet:

Illi fit-19 ta’ Frar 2002, is-socjeta’ attrici forniet lis-socjeta’ Hawk Navigation Ltd b’konsenja ta’ Fuel Oil abbord il-bastiment taghha il-Motor Tanker CARLOTTA f’Barcellona. (Kopja tad-delivery notice hawn annessa u mmarkata AF1).

Illi fis-6 ta’ Marzu 2002, is-socjeta’ attrici baghtet invoice lis-socjeta’ konvenuta ghall-ammont ta’ US$12,975, il-prezz ta’ din il-konsenja (Kopja hawn annessa u mmarkata AF2).

Illi, in-vista tal-fatt li s-socjeta’ konvenuta ma hallsitx is-somma dovuta minnha is-socjeta’ attrici baghtet invoice ghall-hlas tal-interessi kontrattwali dovuti lis-socjeta’ attrici fis-somma US$518.40. (Kopja hawn annessa u mmarkata dokument AF3).

Illi fil-15 ta’ Marzu 2002, is-socjeta’ attrici forniet lis-socjeta’ Hawk Navigation Ltd, b’konsenja ohra ta’ Fuel Oil u Gas Oil abbord il-bastiment taghha il-Motor Tanker CARLOTTA f’Tarragona. (Kopja tad-delivery notices hawn annessi u mmarkati AF4 u AF5).

Illi fis-26 ta’ Marzu is-socjeta’ attrici baghatet invoice lis-socjeta’ konvenuta ghall-ammont ta’ US$20,500, il-prezz ta’ din il-konsenja addizzjoni. (Kopja hawn annessa u mmarkata AF6).

Illi in vista tal-fatt li s-socjeta’ konvenuta ma halsitx is-somma dovuta minnha ghall-prezz taz-zejt ghat-tieni konsenja s-socjeta’ attrici baghtet invoice ghall-hlas tal-interessi kontrattwali dovuti lis-socjeta’ attrici fis-somma ta’ US$604.75

(Kopja hawn annessa u mmarkata AF7).

Illi fil-5 ta’ April is-socjeta’ attrici regghet forniet lis-socjeta’ konvenuta b’konsenja ohra ta’ Fuel Oil abbord il-bastiment

taghha CARLOTTA f'Barcellona. (Kopja tad-delivery notice hawn annessa u mmarkata dokument AF8).

Illi fil-24 ta' April is-socjeta' attrici baghtet invoice lis-socjeta' konvenuta ghall-ammont ta' US$17,310, il-prezz tat-tielet konsenja ta' fuel oil (Kopja hawn annessa u mmarkata AF9).

Illi in vista tal-fatt li s-socjeta' konvenuta ma halsitx is-somma dovuta minnha ghall-prezz tat-tielet konsenja is-socjeta' attrici fis-somma ta' US$363.72 (Kopja hawn annessa u mmarkata dokument AF10).

Illi nonnostante diversi rikjesti s-socjeta' konvenuta ghadha inadempjenti u ma resqitx ghall-hlas tal-pagamenti dovuti minnha li lahqu is-somma ta' US$52,271.87.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' US$52,271.87 (li skond ir-rata tal-kambju tal-lum hija ekwivalenti ghal Lm23,233) jew somma ohra verjuri ekwivalenti f'Liri Maltin fid-data tas-sentenza oltre l-imghax dovut lis-socjeta' attrici sad-data tal-pagament.

2. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' US$52,271.87 (li skond ir-rata tal-kambju tal-lum hija ekwivalenti ghal Lm23,233) jew somma ohra verjuri li dina l-Onorabbli Qorti toghgobha tillikwida ekwivalenti f'Liri Maltin fid-data tas-sentenza oltre l-imghax dovut lis-socjeta' attrici sad-data tal-pagament.

3. Tikkundanna lis-socjeta' konenuta thallas l-ispejjes kollha gudizzjarji u extra-gudizzjarji in konnessjoni ma' din il-kawza.

Bl-ispejjes u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ attrici mahlufa minn Dr. Ann Fenech nomine u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet pprezentata fit-18 ta’ Novembru, 2003 li permezz taghha l-kuraturi deputati eccepew:

1. Illi huma m’hux edotti mill-fatti u qed jirriservaw id-dritt li jippresentaw l-eccezzjonijiet f’stadju ulterjuri.

2. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-kuraturi deputati nomine mahlufa minn Dr. Mark Busuttil u PL. Hilda Ellul Mercer.

Rat l-atti processwali.

Semghet ix-xhieda.

Rat il-verbal tas-senuta tas-16 ta’ Gunju 2004 illi permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Illi l-eccezzjonijiet tal-konvenut huma fis-sens illi ma rnexxilhomx jaghmlu kuntatt mal-persuna rappresentata minnhom u ghalhekk mhux edotti bil-fatti.

Il-fatti tal-kaz huma li s-socjeta’ attrici ghamlet diversi fornituri lis-socjeta’ konvenuta u ma thallsux taghhom – dan hu konfermat bl-affidavit a fol 40 tal-process. Il-verzjoni attrici ma hijiex kontradetta.

**Il-Qorti ghalhekk, tilqa’ t-talbiet attrici u tikkundanna l-konvenuti ihallsu lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ tlieta u ghoxrin elf mitejn u tlieta u tletin lira (Lm23,233) ekwivalenti ghas-somma ta’ US$52,271.87 kif dedotta fic-citazzjoni; bl-ispejjes tal-kawza jigu sapportati**

**kollha mill-konvenuti; b'dan izda li l-kuraturi deputati ghandhom jithallsu provizorjament mill-atturi nomine.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------